MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH**

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 131/2002/1

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Alan Desira

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fl-24 ta' Novembru 2000 ghall-habta ta' 10.45 a.m. fil-Mellieha, saq vettura nru. LCA 149 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura;

2) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3) kif ukoll waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura garr numru ta' passiggieri aktar minn dak stabbilit fil-licenzja tal-vettura;

4) haddem jew gieghel jew halla lil min ihaddem apparat (stereo) b'volum gholi li kien ta' inkonvenjent ghan-nies ohra fit-triq jew dawk li joqghodu fil-qrib minhabba l-hsejjes daqshekk qawwija;
5) u aktar talli ghamel uzu mill-imsemmija vettura ghal skopijiet ohra barra minn dawk li hija licenzjata ghalihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju, 2002, li biha wara li semghet ix-xhieda tad-Direttur tal-Licenzji, irrizulta li l-akkuzat kellu zewg tipi ta' licenzja, Group B u Group D, fiz-zmien tal-akkuza u skond ma xehed l-istess xhud Jose Abela, l-akkuzat kien ghalhekk kopert, u b'hekk gie lliberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija fuq l-akkuzi kollha u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat Illi l-aggravji tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :-
Li l-Ewwel Qorti lliberat erronjament ghax irriteniet li persuna li jkollha l-licenzja tal-Group B u D kienet koperta meta f'dan il-kaz il-licenzja li kienet necessarja kienet C u E u kien minhabba zball tax-xhud Jose Abela li l-Qorti waslet ghal tali konkluzzjoni ;

Illi kif ifformulat dan l-aggravju fir-rikors tal-appell , jidher li hu limitat biss ghall-liberazzjoni mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni li hi konsegwenzjali ghal u marbuta mad-dikjarazzjoni ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni , w ma hemmx aggravju dwar il-liberazzjoni mit-tielet , ir-raba u l-hames imputazzjoni , li bihom l-appellat kien ukoll akkuzat u li minnhom gie liberat u li jittrattaw reati separati u distinti ghall-kollox min dawk kontemplati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet . U ghalkemm fit-talba fl-ahhar paragrafu tar-rikors tal-appell hemm talba ghar-revoka tas-sentenza appellata billi din il-Qorti issib htija fuq l-akkuzi kollha , jidher car li ladarba ma kienx hemm aggravju fuq l-ahhar tlitt akkuzi , kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka.

Semghet ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni mill-gdid fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2002, meta la deher l-appellat u lanqas id-difensur tieghu w ddiferiet l-appell ghas-seduta tal-24 t'Ottubru, 2002 ghall-finali trattazzjoni u sentenza .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Michael Curmi" (25.7.94) , "ir-ragunijiet ta' l-appell huma n-ness vitali bejn il-fatti kif esposti w t-talba ghat-thassir jew tibdil maghmula mill-appellant" u "r-ragunijiet ta' l-appell ghandhom ikunu specifikati w konkreti , w mhux semplici dikjarazzjonijiet ta' idea vaga u indeterminata li tirrendi necessarja tfittxija biex il-gudikant jistabilixxi n-natura vera tal-motiv ta' l-appell . (ara ukoll fl-istess sens App. Krim. Pul. vs. Joseph Said (25.7.94) u gie ukoll ritenut li l-Qorti ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors tal-appell (App. Krim. "Pul. vs. Nicholas Debono" (30.9.1994) - principju dan li ghandu japplika kemm ghar-rikors intavolat meta l-appellant ikun l-akkuzat kif ukoll meta l-appell ikun tal-Prosekuzzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti .

Illi dan in-nuqqas tal-appellant igib in-nullita' tar-rikors tal-appell , kif ormai stabilit fil-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati ghaliex kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali ; "il-Pulizija vs. Joe Borg " (21.7.95) , "Meta t-talba f'rikors tal-appell ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma mentri tigi mitluba r-revoka , tali rikors huwa null fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fl-art.419 (1) (c) tal-Kodici Kriminali .

Ghalhekk ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tiddikjara l-appell tal-Avukat Generali null u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu .

(ft) Joseph G. Galea Debono

24.10.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur